Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Novembru 2025

Ħarġa Nru 52



**Hbieb il-Kappelli Maltin**

***PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta***
*e-mail:* ***hbiebkappellimaltin2024@gmail.com***
***Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin***

# EDITORJAL

**Kumitat 2024-2025**

**President**
Miriam Schembri

**Viċi-President**
Norbert Gingell

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**
Owen Caruana

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Membru**
Godfrey Mangion

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

L-altar tal-Kappella tal-Madonna ta' Manresa

Ritratt: Owen Caruana

Għeżież Membri u Ħbieb,

Hekk kif f'Ottubru erġajna bdejna sena oħra ta' attivitajiet u żjarat, inkomplu bir-ritmu ma jaqta' qatt bħas-snin ta' qabel. L-Għaqda issa ilha 14-il sena tiffunzjona, u barra s-sentejn tal-pandemija tal-COVID 19, dejjem inżammu l-ħarġiet ta' kull xahar, ħlief fix-xhur sajfin.

Ftit huma dawk il-knejjes / kappelli li ma żorniex, u dawn minħabba li huma jew fi stat ta' abbandun, jew għax huma f'idejn il-privat, hekk li ma jħallux il-pubbliku jidħol. Bir-riżultat li issa bdejna nerġgħu ċ-ċirku ta' żjarat li kienu saru fil-bidu tat-twaqqif tal-Għaqda fis-sajf tal-2011.

Hawnhekk irridu nisħqu dwar il-fatt li l-attivitajiet jsiru bil-ħidma tal-Kumitat li hu magħmul minn membri tal-Għaqda li jagħtu ftit tal-ħin tagħhom sabiex jingħaqdu ma' membri oħra ħalli jservu lil membri. F'Jannar 2026 jintemm it-terminu ta' sentejn ta' dan il-Kumitat preżenti. Filwaqt li dan il-Kumitat ħadem bis-sħiħ u bla waqfien sabiex jippjana u jorganizza ż-żjarat u attivitajiet oħra, dejjem hu tajjeb li jkun hemm demm ġdid sabiex l-Għaqda tkompli tiġġedded u tiżviluppa fl-għanijiet tagħha skont l-Istatut.

Għaldaqstant ninkoraġġixxi lil dawk il-membri li għandhom l-Għaqda għal qalbhom u jridu jkunu parti mill-Kumitat, sabiex jew javviċinaw lil xi membru tal-Kumitat jew meta jinħarġu l-applikazzjonijiet għall-elezzjoni tal-Kumitat fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li se tinħamm f'Jannar 2026, sabiex japplikaw skont l-Istatut. Min ukoll jixtieq jagħmel xi suġġeriment ta' xi amenda fl-Istatut tal-Għaqda, huwa wkoll nkorraġġit u li jibgħat l-amenda lis-Segretarju.

Narawkom ħbieb

*N. Gingell*

Għall-Kumitat



Membri tal-Għaqda fil-kappella tal-Madonna ta' Manresa fil-Kurja tal-Arċisqof

# Kappella Madonna ta' Manresa
# Il-Kurja, il-Furjana



Daħla għal kappella tal-Madonna ta' Manresa

Palazzo Manresa, kif kien magħuf meta nbena il-post, dak li llum iservi bħala s-sede amministrattiva tal-Kurja tal-Isqof ta' Malta, ġie mibni minn Fra Francesco Rosignoli, Ġiżwita minn Novara l-Italja, bħala dar għal irtiri. Fra Rosignoli kien l-ewwel Rettur ta' din id-dar. Il-post inbena bejn l-1743 u l-1751. L-attrazjoni prinċipali ta' dan il-post kienet il-kappella ddedikata lil Madonna ta' Manresa, li d-disinn tagħha hu attribwit lill-Perit famuż Taljan tar-Rinaxximent, Andrea Belli. Il Grand Prijur ta' Crato, Pietro Infante mill-Portugal, kien responsabbli biex ħareġ il-fondi meħtieġa għal kostruzzjoni tal-kappella.

Il-kappella mibnija fl-1749 kienet ġiet inawgurata fis-16 ta' Marzu 1771 u ddedikata lil Madonna ta' Manresa. Mal-kappella wieħed isib ir-relikwi ta' San Kalċidonju. Din il-kappella kienet ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Labini fit-23 ta' Lulju 1786. Fl-1768 Casa Manrese kienet ġiet magħluqa wara li l-Ġiżwiti kienu mkeċċija minn Malta u l-post waqa f'idejn id-Djoċesi ta' Malta. Meta l-Ġiżwiti rritornaw fl-1860 dawn baqgħu jokkupaw il-post sal-1918. Bejn l-1858 u 1910, u 1921 sal-1977 dan il-post kien iservi bħala s-Seminarju Djoċesan, sakemm inbena Seminarju ġdid fl-1977 f'Tal-Virtu fir -Rabat, u beda jservi bħala s-sede tal-Kurja Maltija.

Il-kappella ġiet iddisinjata f'forma ovali li għal dak iż-żmien kienet unika. Wisq probabli li Andrea Belli kien influwenzat mid-disinn ta' Francesco de Volterra għall-kappella ta' San Giacomo degli Incurabili f'Ruma.



L-artal ewlieni tal-kappella tal-Madonna ta' Manresa_


Mewt ta' San Ġużepp ta' Antoine de Favray

Id-dekorazzjoni u x-xenografija tal-kappella u l-mod kif l-altar maġġur ġie spusstjat il-ġewwa jixbaħ ħafna ix-xogħol li għamel Cosmas Damian Assam fil-knisja tal-Abbazija ta' Weltenburg, fil-Bavaria, u f'kappelli oħra tas-seklu 18 fir-reġjuni ta' l-Awstrija u l-Bavarja.

Il-kappella għanda ħames altari, kollha bil-pittura xogħol tal-pittur magħruf Franċiż, Antoine de Favray (1706-1798), li dak iż-żmien kien il-pittur favorit tal-Ordni. Favray beda jaħdem fuq il-pitturi fl-1748. L-iskop tal-pitturi huma ta' sensiela ta' katekeżi dwar il-ħajja tajba li wieħed għandu jgħix u ta' mewta tajba.

It-titular juri lil San Injazju jikteb l-Eżerċizzji Spiritwali taħt il-ħarsien tal-Madonna. L-artist Antoine Favray imbagħad kien ġie kkummissjonat biex ikompli jpitter xogħolijiet oħra għal din il-kappella. Pittura oħra turi liż-żewġ qaddisin patruni kemm ta' Malta kif ukoll tal-Ordni, San Pawl u San Ġwann il-Battista. Il-ċiklu jkompli bil-mewt ta' San Ġużepp, li taffigura b'mod preċiż mewt qaddisa, billi San Ġużepp għandu madwaru lil Ġesu u lil Marija. Pittura oħra turi l-mewt ta' San Franġisk Saverju, li kien wieħed mill-akbar missjunarji tal-Knisja u li kien kontemporanju ta' San Ignazju. Iċ-ċiklu jispiċċa b'pittura ta' ruħ imtella mill-purgatorju. Fl-aħħar wieħed jara żewġ pitturi ovali ddedikati lil San Injazju, waħda qed iqassam il-ġid tiegħu u l-oħra fuq is-sodda tal-mewt.


Konverzjoni ta' San Injazju marid fis-sodda


San Pawl u San Ġwann Battista

Fis-sena 1753 il-Papa Benedittu XIV, fuq talba ta' Fr Rosignoli, kien irregala il-korp sant ta' San Kalċedonju Martri, liema fdalijiet waslu fil-kappella fl-20 ta' Mejju ta' l-istess sena. Il-fdalijiet kienu ġew miċ-ċimiterju ta' Pretastato l-Italja. Maġenb il-kappella tal-Madonna ta' Manresa wieħed isib ukoll kappella verament żgħira imma ħelwa bi tliet biċċiet ta' pitturi ta' Francesco Zahra: it-titular li juri lil San Kalċedonju fil-ħabs; ieħor il-martirju tal-qaddies, u t-tielet wieħed juri li San Kalċedonju jirrifjuta li jadura l-allat foloz.



It-titular juri lil San Kalċedonju fil-ħabs



San Kalċedonju jirrifjuta li jadura l-allat foloz



Martitju ta' San Kalċedonju



Ruħ tittelgħa mill-purgatorju ta' A de Favray



San Pawl jasal Malta fir-Reflettorju



Is-saqaf tar-Reflettorju

Ma jistax jonqos li wieħed ma jitkellimx dwar il-reflettorju li jinsab f'dan il-bini. Din is-sala tagħti xiehda tar-riforma tal-Knisja Kattolika immexxija mill-Ġiżwiti kontra l-ereżiji tal-Protestanti fl-Ewropa ta' Fuq. Il-Knisja Kattolika kienet użat l-arti bħala teatru sagru bil-qawwa kollha tal-arti Barokka biex turi l-qawwa tar-Religjon . F'din is-sala wieħed jara l-isbaħ arti murali li hawn fil-gżejjer Maltin. Ix-xogħol kien ġie kkummissjonat lil pittur Sqalli, Pasquale Leonetti li kien ħalla l-firma tiegħu fis-saqaf. Ix-xeni mpinġija juru episodji bibbliċi fejn jissemma l-ikel u kull xena hija kkumpanjata minn kwotazzjoni mill-Iskrittura Mqaddsa li inspirat il-pittura. Dan iċ-ċiklu jilħaq il-qofol tiegħu bix-xena ta' San Pawl jasal f'Malta u milquħ minn Publju, bit-Trijonf tal-Ħaruf t'Alla fuq il-ħajt oppost ta' din is-sala meraviljuża.

*Kitba u Ritratti: N Gingell*

*Informazzjoni meħuda mill-ktejjeb Francesco Zahra at Casa Manresa, 2023,*

*u sorsi oħra mill-Internet.*



Parti mill-ħajt tar-Reflottorju

# Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni, Sarria, il-Furjana




Inċiżjoni li turi il-knisja ta' Sarria u l -ewwel knisja ta' San Publju

Din hija t-tieni knisja mibnija fl-istess post, iddedikata lil Immakulat Konċepiment ta' Marija, fil-*contrada Ghurardia*. Kien il-Kavallier Fra Martino de Sarria Navarro li bnieha 'l barra mill-ħitan tal-Belt Valletta fl-1575, għalkemm il-bini kien ikkummisjonat bejn l-1571 u l-1574. Wara li miet il-fundatur, l-amministraturi tagħha kienu membri tal-Ordni ta' San Ġwann, li barra mill-knisja kellhom għad-dispozizzjoni tagħhom dar bi ġnien ħdejha. Kwadru li kien f'din il-knisja, aktarx bħala titular, hu dak li juri l-Madonna bil-Bambin, bejn San Ġwann Battista u Santa Luċija, fuq xena marittima li turi l-battalja ta' Lepanto (1571), kif ukoll ix-xbieha tal-Kavallier Sarria u l-istemma tal-Gran Mastru Verdala. Dan il-kwadru, magħruf bhala *'La Madonna delle Galere'* ġie mpitter fuq l-injam fis-seklu XVI u hu attribwit lil Antonio Riccio. Meta kienet mibnija l-knisja l-ġdida tpoġġa għal żmien twil fis-sagristija, sakemm fl-1921 kien meħud fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti.

Maż-żmien din il-knisja li bena Sarria kienet fi stat ħażin, tant li fl-1606 il-Kavallier Fra Giovanni Mozzini reġa' għamel rikostruzzjoni tagħha. Il-bini tal-knisja preżenti sar bħala ringrazjament mill-Gran Mastru Nikola Cottoner wara l-pesta tal-1675-76. Dan jidher mid-digriet tal-11 t'April tal-1675 meta l-Kunsill tal-Ordni ddeċieda li b'wegħda jibni knisja ġdida fil-lok tal-knisja tal-Kavallier Sarria dedikata lil Immakulata Kunċizzjoni. Barra minn dan, saret il-wegħda li fil-festa tal-Kunċizzjoni jew f'xi jum minn tal-Ottava, tibda ssir purċissjoni solenni mill-knisja Konventwali ta' San Ġwann għal din il-knisja li kellha tinbena, bħala ringrazzjament, jekk fi żmien qasir Malta teħles minn din il-marda mistkerrħa.



Il-Knnisja ta' Sarria minn barra



Ħarsea lejn l-artal maġġur mill-gallarija

L-ewwel ġebla tpoġġiet mill-Gran Mastru Cottoner nhar it-8 ta' Diċembru 1676 u kienet lesta u miftuħa sal-1679. Il-pjanta saret mill-artist Mattia Preti li kien anke ppreżenta lil Kunsill tal-Ordni b'mudell tal-knisja, li ġie approvat fis-27 ta' Mejju tal-1676, pero hemm possibilita' li waqt il-bini kien assistit ukoll minn Lorenzo Gafà għal parti teknika.

Il-Gran Mastru Manuel De Vilhena, meta ra li madwar il-knisja bdiet tiżdied in-nies, talab biex din issir parroċċa. Dan sar permezz ta' supplika lis-Santa Sede fil-21 ta' Settembru tal-1724, pero d-deċizjoni tħalliet f'idejn l-Isqof ta' Malta, li min naħa tiegħu m'aċċettax din il-proposta, għax din il-knisja ma kinitx taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu. Din il-knisja wkoll kienet amministrata minn membri tal-Ordni, filwaqt li wara l-1798 bdew jieħdu ħsiebha qassisin djoċesani bħala retturi, għalkemm il-bini baqà propjeta' tal-Gvern.



Lunetta li turi r-rebħa tar-reliġjon fuq it-Torok



Lunetta li turi l-abitu tal-ordni Ġerosolomitan



San Bastjan ta' Mattia Preti

Fl-1922 ġie propost li l-knisja titmexxa mill-Giżwiti, pero din flimkien mad-dar, għaddew f'idejhom uffiċjalment fit-28 ta' Novembru, 1924. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija u ftit wara, minħabba li kienet iġġarfet il-knisja parrokkjali ta' San Publiju, l-istess ħidma parrokkjali kienet issir min din il-knisja. Sa llum din għadha titmexxa mill-Giżwiti u fiha jsiru l-attivitajiet Liturġiċi regolarment.

Il-pjanta tagħha hi ċirkolari, f'għamla ta' Rotunda. Pilastri u kontra-pilastri Korinti jitilgħu minn fuq pedesta għoli mad-dawra tal-knisja, jieħdu fuqhom entablatura u ċ-ċinta, li fuqha jitla attiku li jieħu l-koppla. Fiha artal maġġur li hu tal-irħam, flimkien ma dak provviżorju quddiemu. Wara l-artal hemm



San Nikola ta' Mattia Preti

prospettiva sabiħa fi stil Barokk. Il-kwadru titulari, li sar fl-1678; l-erba' kwadri taħt it-twieqi u ż-żewġ lunetti kbar fuq il-bibien laterali, huma kollha xogħol tajjeb ta' Mattia Preti, speċjalment l-erba qaddisin: San Bastjan; Santa Rosalia; Santu Rokku u San Nikola Isqof, li huma meqjusa fost l-ifjen xogħol tiegħu f'Malta. Il-knisja min barra għandha dehra eleganti, simili għal dak ta' ġewwa, fejn jispikka l-lavur madwar il-bibien, li jinkludi fuq il-pediment nofs-tond miksur, kwadrant bl-istemmi doppji tal-Ordni. Il-koppla maestuża kellha oriġinarjament lanterna proporzjonata, li tneħħiet fis-seklu XIX.



It-titular li juri lill-Immakulata Kunċizzjoni

It-titular ta' din il-knisja huwa biċċa mill-isbaħ, xogħol tal-Kalabriż Mattia Preti li juri lill-Immakulata Kunċizzjoni mal-anġli li qed iqiegħdu x-xwabel lura fl-għant tagħhom wara li kienu għadhom kemm kemm użawhom biex rebħu fuq il-pesta.

Minbarra dan it-titular, insibu diversi pitturi oħra ta' dan l-artist magħruf, fosthom, l-għoti tal-Abitu lir-Reliġjon Ġerosolimitan (lunett) u r-Rebħa tar-Reliġjon fuq it-Torok (lunett), kif ukoll ta' Santu Rokku, Santa Rosalie u San Bastjan, magħrufin għall-interċessjoni tagħhom fil-mard tal-pesta. Kwadru sabieħ ieħor ta' Mattia Preti hu dak ta' San Nikola ta' Bari, b'dedikar għal Gran Mastru Nikola Cottoner. Dawn huma s-seba' kapulavuri ta' Preti li jinsabu f'din il-knisja li minnha nfusha hija wkoll kapulavur fil-ġebla tal-istess artist.

Restawr intensiv tal-knisja minn barra sar mit-Taqsima tar-Restawr fil-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura, li kien lest fl-Lulju tal-2007. Dan sar b'kollaborazzjoni mal-Istitut tal-Istudji Barokki tal-Università ta' Malta u l- Università ta' Bologna.

Is-sebgħa pitturi ta' Preti ġew restawrati u inawgurati f'Lulju tas-sena 2022. L-għaqda mhux governattiva Din l-Art Ħelwa kienet responsabbli minn dan il-proġett li kien immexxi minn Giuseppe Mantella b'kolloborazzjoni tal-Istoriku tal-Arti, Sante Guido, u voluntiera oħra li għenu fil-ko-ordinament tal-proġett.

*Dan l-artiklu hu mtella' fuq kitba ta' Ray Saliba, b'noti oħra miżjuda mill-kitba ta' Joe Brincat (ara s-sit KappelliMaltin.com)*

*Ritratti: N Gingell*



Santu Rokku ta' Mattia Preti